# Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek
## Adorazzjoni Ewkaristika
## bi tħejjija għat-Tielet Ħadd tar-Randan (Sena B)
## Marzu 2024

### Innu għal waqt l-Espożizzjoni

### Viżta lil Ġesù Ewkaristija

O Ġesù, bl-eżempju tiegħek,
int qaddist is-sawm għalina;
u, biex nieħdu s-saħħa f'ruħna,
minna wkoll ridt sawm u ċaħda.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Ejja, mela, kun mal-Knisja,
li, f'riġlejn il-ħniena tiegħek,
f'dawn il-jiem titolbok niedma
maħfra w sliem għalina wliedha.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Tinżel fuqna l-grazzja tiegħek
ħa tnaddafna mill-imgħoddi;
tkun it-tjieba tiegħek fuqna
ħa tħarisna minn kull waqgħa.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Hekk, f'dawn l-erbgħin jum, li fihom
issejħilna lejk kull sena,
nitħejjew għall-ferħ u l-barka
tal-misteru tal-Għid tiegħek.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Lilek, Trinità ħanina,
b'wiċċna fl-art ilkoll inqimu;
ġedded fina 'l qalbna niedma,
biex ngħannulek għanja ġdida. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Matul Żmien ir-Randan, il-Knisja kemm-il darba tpoġġi quddiemna r-rakkonti tal-Eżodu u taż-żmien li wlied Iżrael qattgħu fid-deżert. U dan tagħmlu bi skop. Bħall-Iżraelin, aħna wkoll qsamna l-baħar sabiex mill-jasar ngħaddu għall-ħelsien ta' wlied Alla permezz tal-Magħmudija. Fir-Randan nagħmlu erbgħin jum ta' penitenza u sahra, bl-istess mod kif huma qattgħu erbgħin sena fid-deżert.

Qattgħu erbgħin sena fid-deżert sakemm tmut il-ġenerazzjoni ta' dawk li ħarġu mill-Eġittu u tkun ġenerazzjoni oħra li tidħol fl-art imwiegħda, bħalma aħna wkoll jeħtieġ ninżgħu l-bniedem il-qadim u nilbsu l-bniedem il-ġdid (ara Kol 3, 9-10), kif jikteb San Pawl lill-Korintin: "Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid" (2 Kor 5, 17).

Bħall-poplu ta' Iżrael, aħna wkoll insumu u niċċaħħdu sabiex, kif huma kellhom jitgħallmu jafdaw f'Alla li ta' kuljum kien jibgħatilhom il-manna mis-sema, hekk ukoll aħna nitgħallmu nafdaw fil-providenza tiegħu; nerġgħu niskopru mill-ġdid kif, bla ma nitgħażżnu, nintelqu għal kollox f'idejn il-providenza divina, bħalma jwieġeb Ġesù lix-xitan meta ġie mġarrab fid-deżert ... kliem li huwa eku ta' dak li nsibu fil-Ktieb tad-Dewteronomju:

> Huwa ċekknek, ried li tbati l-ġuħ, imbagħad temgħek il-manna, li la int u lanqas missirijietek ma kontu qatt tafu biha, biex jurik li mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej, b'dan jgħix il-bniedem. (Dewt 8, 3)

Anke nhar il-Ħadd—it-Tielet Ħadd tar-Randan tas-Sena B—il-Knisja tpoġġi quddiemna esperjenza oħra fundamentali li għamel il-poplu ta' Iżrael fid-deżert: jiġifieri meta Alla tah l-Liġi mqaddsa, jew l-għaxar kmandamenti, kif nirreferu għalihom ġeneralment. Kien permezz ta' din il-Liġi divina u fl-istess ħin mill-iktar umana li Alla daħal f'patt mal-poplu tiegħu u l-poplu ntrabat ma' Alla. Din il-liġi kienet garanzija tal-ħarsien tal-ordni u tar-rispett tad-dinjità ta' kull persuna li ġiet meħlusa mill-jasar biex tkun tista' tgħix u tgħix tassew.

Hija Liġi li fi Kristu ġiet mgħixa b'mod perfett, imwassla għall-milja tagħha, u mgħoddija wkoll lilna sabiex inkunu nistgħu b'qalb waħda u ruħ waħda ngħixu flimkien bil-ġustizzja l-kmandament tal-imħabba ta' Alla u tal-proxxmu, il-kmandament li nħobbu lil xulxin bħalma ħabbna hu. Għalhekk, flimkien mas-Salmista, ejjew infaħħru lil Alla permezz ta' Salm 119 billi ntennu flimkien: *Il-kmandamenti tiegħek, Mulej, huma l-għaxqa ta' qalbi.*

(Salm 119, 10-19. 24)

B'qalbi kollha jiena nfittxek;
tħallinix nitbiegħed mill-kmandamenti tiegħek.
Jien żammejt kelmtek f'qalbi,
biex ma nidneb qatt kontrik. ***R/.***

Imbierek int, Mulej!
Għallimni l-kmandamenti tiegħek.
B'xufftejja jiena nxandar
id-digrieti kollha ta' fommok. ***R/.***

Nifraħ fit-triq tal-preċetti tiegħek,
daqs kieku kelli l-għana kollu.
Fuq il-preċetti tiegħek irrid naħseb,

u nżomm għajnejja fuq triqatek.
Bil-kmandamenti tiegħek irrid nitgħaxxaq,
qatt ma ninsa l-kelma tiegħek. ***R/.***

Kun twajjeb mal-qaddej tiegħek,
agħtini li ngħix u nħares il-kelma tiegħek.
Iftaħli għajnejja,
biex nara l-għeġubijiet tal-liġi tiegħek. ***R/.***

Barrani jien fuq l-art;
taħbix minni l-kmandamenti tiegħek.
Il-preċetti tiegħek huma l-għaxqa tiegħi,
huma jagħtuni l-parir tajjeb. ***R/.***

## Innu Ewkaristiku

**Qari mill-Ktieb tal-Eżodu** (20, 1-3. 7-8. 12-17)
F'dak iż-żmien, Alla tkellem u qal dan kollu lill-poplu: "Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. Ma jkollokx allat oħra għajri. La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn: għaliex lil min isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig. Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu.
Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik.
La toqtolx.
La tagħmilx adulterju.
La tisraqx.
La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek.
La tixtieqx dar għajrek: la tixtieqx il-mara ta' għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kulma għandu għajrek."

**Il-Kelma tal-Mulej.**
R/. Irroddu ħajr lil Alla.

"Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar. Ma jkollokx allat oħra għajri." Mulej Ġesù, min jaf kemm-il darba smajnieh u għednieh bl-amment dan il-kliem bil-forma li konna nitgħallmuh fil-lezzjonijiet tal-katekeżi. Forsi kienet ukoll dik il-kantaliena u ritmiċità li għenitna nibqgħu niftakruhom, ukoll jekk għaddew is-snin.
Minkejja dan, probabbilment qajla nirrealizzaw kemm dan huwa l-iktar kmandament li faċilment niksruh. Forsi moħħna dejjem jeħel mal-istess litanija ta' dnubiet li, veru, dejjem insibu lilna nfusna naqgħu fihom. Jista' jkun ukoll li,

minħabba xi skrupli tagħna, moħħna weħel ma' kmandament wieħed iktar mill-oħrajn. Jista' jkun li nakkużaw lilna nfusna bil-ksur tal-kmandamenti kollha, forsi barra li qtilna, biex neħilsu ħafif. Forsi wkoll inħossuna tajbin għax mingħalina li, la ma ksirna l-ebda kmandament direttament, allura kollox sew.
Imma kemm hu faċli, Mulej, li inti ma tkunx Alla tagħna u s-Sid tassew ta' qalbna. Għalkemm ma nagħmlu l-ebda adorazzjoni formali lil xi divinità oħra, madankollu huma ħafna l-allat li magħhom nibdluk. U dan iż-żmien ta' penitenza, meta niħduh bis-serjetà, hawn irid iwassalna: għax meta niċċaħħdu nindunaw kemm ikun hemm affarijiet żgħar fil-ħajja ta' kuljum li nagħmluhom allat tagħna, mhux għax nagħmlu reverenza quddiemhom imma għax inħossu li ma nistgħux ngħaddu mingħajrhom, mentri fil-verità, bil-qawwa tiegħek, niskopru li nistgħu ngħaddu mingħajrhom. Huwa biss mingħajrek li ma nistgħux ngħaddu, għax inti biss l-għajn tal-ħajja vera.
Kemm huwa wkoll faċli, Mulej, ninsew li huwa inti li ħriġtna jew toħroġna mill-artijiet tal-Eġittu tagħna, minn dak li ijassarna, li jagħmilna skjavi, u li jkasbar fina d-dinjità ta' wlied il-Missier u ħutek. Kemm hu faċli ninsew li kellek tmut biex issalvana. Kemm hu faċli tkun biss il-biża' mit-telfien li jżommna lura jew imexxina, u mhux għażla ġenwina tiegħek bħala Alla tagħna.
Kemm hu faċli li anke fil-Knisja, fil-parroċċa tagħna jew fil-gruppi tagħna, ikunu allat oħra li jmexxuna, ukoll jekk l-għemejjel tagħna jkunu oġġettivament tajbin jew newtrali, u m'għandna l-ebda għoġol tad-deheb li quddiemu ninxteħtu. Kemm hu faċli nħallu l-Eġittu—id-dinja, il-kultura, il-moda—jerġa' ijassarna għax inħallu l-ispirtu tad-dinja jmexxina flok l-Ispirtu tiegħek.
Għalhekk, Mulej, hekk kif ninsabu miġburin hawn madwarek, bħala komunità, bħala parti ċkejkna mill-Knisja, nintelqu quddiemek, inti li inti r-Ras ta' dan il-ġisem mistiku tiegħek—il-Knisja—u, b'vuċi dgħajfa imma fl-istess ħin qawwija, inġeddu din l-għażla tiegħek mill-ġdid. Iva, Mulej, irriduk tkun l-uniku Alla tagħna. Irriduk tkun dak li teħlisna mill-jasar li ta' kuljum ninqabdu fih permezz tad-dnub. Irriduk tkun ir-raġuni vera li tiġborna flimkien, mhux sempliċiment biex nagħmlu xi ħaġa tajba flimkien, imma ninġabru biex infaħħru lilek u biex nagħmlu x-xogħol tiegħek, ir-rieda tiegħek, inwettqu x-xewqat kollhom imħabba tiegħek għall-umanità. Kun, Mulej, is-Sid waħdieni tagħna, l-Alla l-veru li lilu nqimu, il-Mulej li lilu noffru l-ħajja tagħna, is-Sid li mingħandek biss nieħdu l-ħajja.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

## Innu Ewkaristiku

Mulej, għax inti biss Alla sidna u nIċħdu kwalunkwe alla ieħor—kbir jew żgħir, ħaj jew bla ħajja—li faċilment nintilfu niġru warajh, aħna issa se nagħmlu l-qalb

u b'fiduċja nitolbuk tisma' t-talb tagħna għall-Knisja, il-ġisem mistiku tiegħek, u għad-dinja, maħluqa u mifdija minnek.

- Seddaq il-Knisja tiegħek sabiex, kull fejn tinsab fuq wiċċ l-art, tagħmel għażliet li juru li huwa inti l-Mulej u l-Alla li hija tqim u tħabbar bħala salvatur. Nitolbu.
- Iftaħ għajnejn dawk kollha li għandhom xi forma ta' setgħa fid-dinja sabiex jagħrfu li kull seta' ġejja minnek, li huma mhumiex allat imma qaddejja, u li kull awtorità li għandhom jeħtieġ iħaddmuha b'ġustizzja. Nitolbu.
- Bierek kull ħidma fi ħdan il-poplu tiegħek favur dawk inqas ixxurtjati, u fakkar lil dawk li jwettquha li din l-istess ħidma tagħhom jeħtieġ tkun stqarrija u xhieda tal-fidi fik. Nitolbu.
- Kompli sejjaħ minn fostna żgħażagħ ġenerużi li jiddedikaw ħajjithom sabiex iwasslu l-Kelma feddejja tiegħek u jmexxu lill-poplu tiegħek fil-qima komunitarja. Nitolbu.
- Filwaqt li nirringrazzjawk għal tant persuni li permezz tagħhom twasslitilna l-fidi, partikolarment fl-ewwel snin ta' ħajjitna, nitolbuk timla bis-saħħa lil dawk fosthom li għadhom ħajjin u tagħti l-premju mistħoqq lil dawk li mietu. Nitolbu.

Isma', Mulej Ġesù, dawn it-talbiet u tant talbiet oħrajn mistura f'qalbna, u agħmel li tassew nagħżlu lilek fuq kollox u lilek biss inqimu. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

## Barka Sagramentali